VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,878, 17 ta' Ġunju, 2022
Taqsima B

A.L. 169 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-٢٠١٣ skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 194 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinament 3 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

(2) L-ordinament 4 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

jew (a) jissodissfaw ir-rekwiżiti speċjali għall-kors kif imniżżla fil-paragrafi (2) sa (3) ta' dan l-ordinament;

jew (b) minn Ottubru 2023 'il quddiem, ikollhom is-Certificate in ICT Foundation Studies minn din l-Università."

4. Minflok is-sottoparagrafu (a) (ii) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-applikanti għall-oqsma ta' studju tal-Computer Engineering u Microelectronics and Embedded Systems għandhom:

jew

(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u jkollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin: il-Matematika Applikata; il-Fiżika, il-Bijoloġija, il-Kimika, u l-Computing; u

(ii) ċertifikat li għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fil-Fiżika, sakemm li jekk il-Fiżika kienet ippreżentata fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola;

jew"